# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

**Nru. 11** **OTTUBRU, 1965**

## OTTUBRU — IX-XAHAR TAR-RUŻARJU

Id-devozzjoni lejn il-Madonna fil-Knisja Kattolika minn dejjem kienet kbira. Dan jixhduh il-ħafna festi tagħha li għandna fil-Liturġija Mqaddsa, it-tempji sbieħ u majestużi dedikati lilha, l-opri ta' l-arti, ta' letteratura u ta' mużika li ħadu l-ispirazzjoni tagħhoh minnha, il-kwantità ta' persuni li jġibu isimha. Iżda fuq dawn il-manifestazzjonijiet kollha hemm l-imħabba personali ta' l-insara lejn din l-Omm u Xebba li tatna l-Feddej tagħna.

Waħda mill-akbar devozzjonijiet popolari li biha nqimu lill-Madonna hija t-talba sabiħa tar-Rużarju, li ħafna familji jgħiduh kuljum. Sa ftit snin ilu hawn Malta r-Rużarju ta' filgħaxija kien aktar komuni milli hu llum. Għalkemm għad baqa' ħafna familji li ma jonqsuhx, iżda hemm oħrajn li din id-drawwa sabiħa qatgħuha. Ir-Rużarju hu bħal katina li torbot il-familji kollha flimkien. Fr Patrick Peyton, l-appostlu tar-Rużarju, kellu dan il-motto mibni fuq il-verità u fuq l-esperjenza: *"The family that prays together, stays together"*. U t-talba ideali tal-familji hija r-Rużarju ta' kull filgħaxija.

B'digriet tal-Papa Ljuni XIII ir-Rużarju għandu jingħad quddiem Ġesù Sagramentat matul Ottubru kollu fil-knejjes parrokkjali u f'dawk dedikati lill-Madonna. Kemm hija ħaġa sabiħa li din il-familja kbira — il-parroċċa — tingabar flimkien mal-kap tagħha, il-kappillan, għal din it-talba tal-familja!

Avvolja tgħiduh id-dar ukoll ir-Rużarju, però matul dan ix-xahar ta' Ottubru tonqsux li tiġu l-knisja wkoll biex flimkien nitolbu l-Madonna għall-bżonnijiet kbar tagħna. Nitolbu b'mod speċjali għall-bżonnijiet ta' l-Isqfijiet tad-dinja li bħalissa qegħdin miġburin mal-Papa fil-Konċilju biex l-Ispirtu s-Santu jagħtihom id-dawl ħalli d-deċiżjonijiet li jieħdu jkunu ta' ġid għall-Knisja kollha. Nitolbu wkoll għall-bżonnijiet spiritwali u materjali ta' Malta biex il-Madonna, kif dejjem għamlet, tidħol għalina quddiem Alla. U nitolbu wkoll għall-parroċċa tagħna li aktar minn żmien ieħor bħalissa għandha bżonn il-għajnuna ta' Alla.

Għandna mela għalfejn nitolbu matul ix-xahar ta' Ottubru, aħna l-familja ta' San Ġiljan. Għalhekk ma nonqsux minn dan id-dmir tagħna.

Insellmilkom u nberikkom.

L-EDITUR.

## X'SER IKOLLNA F'OTTUBRU

| | |
|---|---|
| 1 ta' Ottubru: | Jibda x-xahar tar-Rużarju. Fis-6.00 p.m. Rużarju bl-Espożizzjoni u wara Quddiesa. Il-ħin jibqa' dejjem l-istess tul Ottubru kollu. |
| 13 ta' Ottubru: | Festa tar-Rużarju. Fit-8.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni. Fl-4.30 p.m. Għasar kantat, paniġirku, purċissjoni, u fis-6.30 p.m., bħas-soltu, Quddiesa letta. |
| 24 ta' Ottubru: | Ġurnata Missjunarja. Il-ġbir li jsir fil-Knisja jmur kollu għall-bżonnijiet tal-Missjoni. |
| 31 ta' Ottubru: | Kristu Re. Nieħdu sehem fil-festa ta' fuq il-Fosos. |

## IL-KUMMISSJONI MISSJUNARJA PARROKKJALI

F'kull raħal u belt ta' Malta u Għawdex tinsab imwaqqfa kummissjoni ta' nies li jaħdmu u jiġbru għall-Missjoni. Skond ma jirriżulta mirreġistri tal-Kummissjoni tagħna, din twaqqfet fl-1944. Dak in-nhar kien President tagħha l-Kan. Franco Calleja Gera, Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt, li għal żmien twil ħadem b'ħeġġa kbira fil-Parroċċa tagħna u li għadu jħobb sal-lum.

Il-Membri tal-Kummissjoni, x'aktarx xebbiet u nisa ta' l-Azzjoni Kattolika, għandhom dan ix-xogħol: jiġbru l-flus ta' l-Askrizzjonijiet tal-Kleru Indiġenu, Propagazzjoni tal-Fidi u S. Infanzja. Xogħol ieħor huwa l-organizzazzjoni tal-Ġurnata Missjunarja ta' kull sena. Jaħdmu wkoll xogħlijiet ta' suf u ħwejjeġ għall-Fiera li ssir il-Belt. Darba għamlet ukoll Wirja fis-Sede tax-Xebbiet. Illum iqassmu fuq it-320 kopja tal-*Malta Missjnarja* kull xahar.

Dun Franky dam President tagħha sa l-1952 meta mbagħad għaddiet f'idejn Dun Anton Xiberras li huwa wkoll it-Teżorier Nazzjonali ta' l-Opri Missjunarji Pontifiċji għal Malta u Għawdex. Taħt idejh il-ħidma għall-Missjoni kompliet miexja 'l quddiem ukoll.

Meta l-Uffiċċju Missjunarju tal-Belt qatagħha li jqassam il-Boroż ta' Tfaddil fil-Ġurnata Missjunarja, hawn inġabru £64. 12s. 10d. Dan kien fl-1954. Is-sena l-oħra minnhom biss inġabru £253. 16s. 11d.

Fl-1955 il-Kummissjoni tħajret tibda tiġbor ħalli tlaħħaq Saċerdoti Indiġeni fil-Missjoni, biex Alla l-Imbierek ma jħallix lill-Parroċċa tagħna nieqsa mis-saċerdoti. Bdiet Borża ta' Studju u baqgħet sejra tiġbor sal-lum. L-ewwel Borża semmietha għall-Patrun maħbub tagħna "San Ġiljan" u biha sar l-ewwel saċerdot Indjan, Thomas Keeranchera, li qaddes fl-1959. Wara din saret oħra fl-1947, sentejn biss wara, u ssemmiet għall-Kappillan "Dun Gwido". B'din laħal l-ewwel saċerdot Indjan ukoll Raphael Sequeira fl-1962.

Issa kien imiss lil Dun Anton jagħżel u għalhekk it-tielet Borża ta' Studju ssemmiet għal "Sant'Antnin" bis-Seminarista Afrikan Alexander Ghanda. Ir-raba' waħda rebaħha ċ-Ċirklu tax-Xebbiet li minn dejjem kien ir-ruħ tal-Kummissjoni u ssemmiet "Qalb Safja ta' Marija". Wara, il-ħames Borża, issemmiet għall-"Madonna tas-Sokkors Perpetwu" li tagħha l-Kappillan Dun Gwido daħħal fostna devozzjoni kbira, bis-seminarista Simon Mwangi, Afrikan. Is-sitt Borża ssemmiet għal "San Mikiel", sew għall-

Arċisqof, kif ukoll għax ħafna għandhom devozzjoni lejh. Il-lum qiegħda tinġabar is-seba' Borża msemmija għall-"Qalb ta' Ġesù", li fil-Pjazza ta' Spinola qed iħares lis-subborg tagħna u jberikha.

Għal kull waħda mill-Boroż inġabret is-somma ta' £250. Għal dan il-ġbir kollu, irridu niżżu ħajr lill-Kappillan Calleja li, avolja bil-piż tal-bini tal-Knisja, fehem li aktar ma nagħtu għall-Missjoni, aktar Alla jipprovdi. Nies oħrajn individwali li ma jissemmewx għamlu wkoll Adożżjonijiet u Boroż ta' Studju għalihom.

Fl-1957 saret fondazzjoni ta' £25 mill-istess Kummissjoni biex issir il-festa ta' San Franġisk Soverju fit-3 ta' Diċembru. Il-quddiesa tmur għall-benefatturi u zelatriċi kollha tal-Missjoni u fiha ssir il-priedka biex kulħadd jibqa' jitħeġġeġ bl-imħabba lejn il-Missjoni.

Il-Ġuvintur u l-Irġiel ta' l-Azzjoni Kattolika, kif ukoll Luciano Pullicino, fil-Ġurnata Missjunarja, kollha b'imħatra min jaħdem l-aktar għall-Missjoni. Pullicino jarma għarix Missjunarju fi Pjazza Sant'Anna, Sliema, il-Ġuvintur fuq Balluta, u l-Irġiel x'aktarx fuq *truck* idur mat-toroq ta' Tas-Sliema.

Issir ta' kull sena l-Festa tas-S. Infanzia fl-ewwel ġimgħa tax-xahar ta 'Jannar, u priedka lit-tfal kollha fl-iskejjel tal-Gvern.

Il-Kummissjoni tiltaqa' kull tant żmien fiċ-Ċentru Parrokkjali. Fiha hemm diversi membri minn kull Għaqda Reliġjuża. Iċ-Ċirkoli kull wieħed minnhom għandhom id-Delegat li jieħu sehem fil-laqgħat.

Kull min jitħajjar igħin b'xi mod il-Missjoni, imqar b'ħaġa żgħira, jista' jitkellem mal-persuna li tiġi tagħtih *Malta Missjunarja* jew tiġbor fit-triq tiegħu, jew direttament ukoll lil Dun Anton. Kull sold għall-Missjoni huwa mbierek minn Alla.

## MINN HAWN U MINN HEMM

■ Ġiljaniżi, prosit għall-festa ta' San Ġiljan! Innotajt li dis-sena l-festa kienet isbaħ u akbar mis-soltu. Nies kien hawn ferm, u xi tibdil fl-organizzazzjoni tal-festa, serva għall-aħjar. Ħafna nies żaru l-knisja l-ġdida li dis-sena kienet tant tidher majestuża b'dak is-salib jixgħel, u semgħu, waqt li qed iduru, spjegazzjoni ta' l-arkitettura tagħha rekordjata fuq tape recorder. Imma bla dubju l-akbar suċċess tal-festa, u l-aktar għall-qalb t'Alla u ta' San Ġiljan, kien in-numru kbir ta' nies li dak in-nhar resqu għat-tqarbin imqaddes. Jalla sena oħra nerġgħu niksru r-record ta' dis-sena. Prosit!

■ F'laqgħa ġenerali għall-kleru, għall-għaqdiet kattoliċi kollha u l-clubs profani tal-parroċċa tagħna, inħatar kumitat biex jieħu ħsieb jorganizza festa lill-Kappillan qabel ma jħalli l-parroċċa tagħna. Għal din l-okkażjoni ħsibna biex nagħtuh bukkett spiritwali u rigal. Għalhekk matul Ottubru, permezz tal-membri tal-għaqdiet, li jkollhom card apposta, ser tirċievu arboral biex tgħinu mill-aħjar li tistgħu ħalli l-parroċċa kollha tieħu sehem f'dan l-att ta' rikonoxxenza lejn il-Kappillan li tant ħabbha u tant ħadem għaliha.

Il-Kumitat hu kompost minn dawn is-sinjuri: Dun Ġwann Galea *(Chairman)*; Dun Anton Sciberras; Mr. Paul Dalli *(Segretarju)*; Mr. John Debono *(Teżorier)*; Mr. Joe Aquilina; Mrs. C. Debono, Mr. Joe Portelli, Mr.

Joseph Tanti, Mr. Victor Vassallo.

■ Nifirħu lis-Sur Pio Dalli li fl-20 ta' Settembru li għadda daħal bħala novizz fis-Soċjetà ta' San Pawl. Minn ċkunitu, Piju dejjem kien iser vi bil-qalb fis-servizz ta' l-artal. Kien ukoll membru ta' l-Azzjoni Kattolika, Legion of Mary, u anki wieħed mill-vuċijiet tajbin fis-St. Julian's Choir. Nawgurawlu li ġurnata għad narawh iqaddes fuq l-artal tal-Knisja l-ġdida. OSSERVATUR.

## NIFIRHU LILL-IMSIERAH

Fil-21 ta' Settembru li għadda l-Imsieraħ saret parroċċa b'territorju meħud minn Birkirkara, San Ġiljan u l-Gżira. Nifirħu minn qalbna lil din il-parroċċa l-ġdida u lill-ewwel Kappillan tagħha, Patri Leopoldu, u nawgurawlhom Ad Multos Annos.

## Il-Clubs ta' San Ġiljan:

### MALTA EASTERN CLUB

Il-Malta Eastern Club huwa l-aktar club anzjan fil-parroċċa ta' San Ġiljan. Dan ġie ffurmat fit-3 ta' Awissu, 1920, meta xi skrivani u operators tal-Cable and Wireless iddeċidew li jiltaqgħu u jaħtru kumitat biex jagħtu ħajja lil club għall-impjegati tal-kategorija tagħhom mal-Cable and Wireless.

Il-għan tal-M.E.C. huwa li jinkoraġġixxi attivitajiet sportivi u soċjali għall-membri. Dan il-għan ġie milquħ sewwa, il-għaliex insibu li sa mill-bidunett, il-club kien jorganizza b'suċċess liema bħalu kunċerti u ballijiet li għalihom kienu jattendu ħafna nies.

Mil-lat sportiv insibu li l-club kien jorganizza Aquatic Sport u l-Bay Race mill-Exiles għall-Qaliet u lura, ta' kull sena għal ħafna snin wara xulxin.

Il-club kien ukoll wieħed mill-membri fundaturi tal-Malta Sports Association u rebaħ ħafna unuri sportivi, speċjalment fil-Għawm, Tennis u Hockey.

Minkejja l-fatt li n-numru tal-membri huwa limitat ħafna, il-club għadu jieħu parti b'suċċess fl-M.S.A., u għalkemm huwa anzjan għadu jorganizza ħafna attivitajiet soċjali ta' kull sena, fosthom il-ballu, barbeque, childrens party u launch outing.

Huwa mistenni li għall-ħamsin anniversarju tal-club isiru ċelebrazzjonijiet speċjali (dejjem skond il-mezzi) u xi preparazzjoni diġà qiegħda ssir biex dawn il-festi jinżammu skond it-tradizzjoni tal-club.

A. W. AGIUS.

## QED JONQSILNA L-PETROL

S'issa rnexxielna nippubblikaw dan il-foljett tal-parroċċa tagħna bil-għajnuna ta' xi benefatturi li fehmu l-missjoni tiegħu. Iżda issa l-kaxxa qed tiżvojta. Nappella għall-ġenerożità tal-qarrejja biex jibagħtulna xi kontribuzzjoni ħalli nkunu nistgħu nibqgħu mexjin. Harġa waħda tqumilna £2. 10s. Kull donazzjoni tista' tintbagħat lill-Editur, Uffiċċju Parrokkjali, San Ġiljan. Grazzi.

"Empire Press."